MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 50/2013/1

Go plc

-vs-

George Martin Catterall

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1028.55), import ta' servizzi f'zewgt kontijiet differenti. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo sbatax (17) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tmintax (18), u ghoxrin (20) tal-process. Il-konvenut ma prezenta qatt risposta.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma' deherx.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tmienja u ghoxrin ta' Frar, elfejn u erbatax (28.02.2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'L-Orizzont'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin ta' Frar, elfejn u erbatax (28.02.2014) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-Artikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1028.55) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------